**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 377/19 CZ**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Attard sija bil-polza u sija bil-Ligi, u kif ukoll l-istess Emmanuel Attard (ID 238749 (M)**

**vs.**

**Maria Carmela Farrugia (ID 306365 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur mressqa fid-29 ta' Novembru 2019 li biha premetta:

1. Illi s-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FLY di propjeta' tal-attur Emanuel Attard, hawn aktar 'l isfel imsejjha 'il-vettura tal-atturi';
2. Illi nhar is-16 ta' Marzu 2019 sehh incident fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, illi bhala konsegwenza tieghu il-vettura tal-atturi sofriet hsara wara illi l-konvenuta qabdet u qasmet it-triq minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet kollha mehtiega minnha u konsegwenza ta' dan hija laqtet il-vettura tal-atturi;
3. Illi b'hekk isegwi illi l-incident *de quo* sehh unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, jew imperizja da parti tal-konvenuta;
4. Illi ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma kumplessiva ta' elf erba' mija u tmienja u tletin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,438.45) in kwantu ghas-somma ta' hamsin Euro (€50) l-*excess payment* illi l-attur Emanuel Attard hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,348.45) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 4 ta' Settembru 2019 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficcjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-provvediment moghti mit-Tribunal fit-12 ta' Frar 2020 li permezz tieghu ordna l-isfilz tar-risposta tal-konvenuta mressqa fit-13 ta' Jannar 2020.

Ra l-affidavit ta' Andrea Bondin[1], u sema x-xiehda ta' PC 267 John Anthony Cassar[2], Clifton Attard[3], Carmelo Mifsud[4], Emanuel Attard[5].

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-risposta tal-konvenuta giet sfilzata minhabba li ma gietx prezentata fiz-zmien. Dan ma jfissirx pero' illi l-kawza mhijiex wahda kontestata u ghaldaqstant it-Tribunal sejjer jevalwa l-provi f'din l-ottika.

Illi dan l-incident jirrigwarda l-vettura tal-attur Emanuel Attard, assikurat mis-socjeta' attrici, u sehh fis-16 ta' Marzu 2019 fi Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun, u dan waqt li bin l-attur, Clifton Attard kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FLY. L-istess Clifton Attard jallega li l-konvenuta, distratta tiekol xi haga, qabdet taqsam it-triq minghajr ma harset, u habtet mal-mera tal-vettura tal-attur, b'mod li kissritha. Il-konvenuta ma setghetx tixhed, konsidrati l-elementi

[1] Fol. 17
[2] Fol. 58
[3] Fol. 60 u fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021
[4] Fol. 74
[5] Fol. 82

procedurali li pprezentaw ruhhom f'din il-kawza, izda t-Tribunal ghandu xorta wahda jqis jekk il-verzjoni tal-attur ghandhiex mis-sewwa, u mis-sewwa kollu.

Illi bhala xiehda ghall-incident de quo kien hemm certu Carmelo Mifsud u l-attur Emanuel Attard innifsu. Mifsud xehed illi kien daqs distanza ta' zewg karozzi 'l boghod minn fejn gara l-incident. Il-konvenuta kienet qed tiekol u miexja fl-istess waqt, waslet il-vettura tal-attur, u habtet mal-mera ta' din il-vettura b'mod li kissritha. L-attur Emanuel Attard, missier is-sewwieq, kien hdejn ix-xhud Mifsud. Il-konvenuta harget minn quddiem van. L-attur Emanuel Attard, qal ukoll illi kien hemm dakinhar tal-incident. Qal izda illi l-konvenuta kienet ghaddejja minn mal-karozzi, kisret ma' karozza li kienet Toyota griza u baqghet diehla gol-karozza tieghu, misjuqa minn ibnu Clifton Attard, u tajjritlu l-mera. Skond dan ix-xhud, Clifton Attard kien ghaddej isuq 'clikki clikki'. Qal ukoll illi l-konvenuta qalet 'skuzani, kont aljenata'. Is-sewwieq, Clifton Attard qal li l-konvenuta kienet miexja daharha lejh, jigifieri daharha lejn il-Belt, fi Triq Hal-Qormi; kienet fuq in-naha ta' barra tal-karozzi pparkjati, izda f'daqqa wahda kisret u haditlu l-mera. Jigi ghalhekk illi l-konvenuta kienet ghaddejja minn bejn il-karozzi pparkjati u l-vettura tal-attur.

Illi ghat-Tribunal tezisti ftit divergenza bejn ix-xiehda okulari nfushom. Filwaqt li Carmelo Mifsud xehed li l-konvenuta harget u qasmet minn wara van, l-attur jghid illi harget minn wara karozza griza Toyota jew Maruti, filwaqt li s-sewwieq Clifton Attard jghid illi kienet miexja fuq in-naha ta' barra tal-karozzi, u mhux fuq il-bankina, u kien minn hawn li qabdet u qasmet ghal fuq il-lemin u mhux ghax harget minn wara karozza. Li jidher li hu zgur pero' hu li l-konvenuta qasmet, u ma qasmitx minn zebra crossing li kien hemm ftit metri 'l boghod. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet distratta, timxi u tiekol. Lit-Tribunal jirrizultalu fuq bazi ta' proabiltajiet li huwa minnu illi l-konvenuta qabdet u qasmet it-triq minghajr wisq hsieb, u huwa minnu wkoll li laqtet il-meta tal-vettura tal-attur. Jibqa' izda li jigi stabbilit ta' min hi r-responsabbilta' ghall-hsara, u cioe' jekk il-htija hijiex biss tal-konvenut, jew jekk hemmx ukoll xi parti mill-htija li hija dovuta ghall-agir tas-sewwieq Clifton Attard. Huwa principju stabbilit illi sewwieq ghandu jara b'attenzjoni x'hemm quddiemu

sabiex jevita incident, izda ma jkollux tort sewwieq meta, bhal f'dan il-kaz, jispicca jaqsamlu xi hadd ghall-gharrieda. Li jrid jigi determinat huwa jekk is-sewwieq kienx verament ghaddej 'clikki clikki' kif qed jigi indikat mill-attur Emanuel Attard, jew inkella jekk kienx ghaddej b'velocita' akbar. Is-sewwieq Clifton Attard innifsu jixhed illi ra lill-konvenuta ghaddejja bl-affarijiet f'idejha fuq in-naha ta' barra tal-karozzi pparkjati, u cioe' bejn dawn il-karozzi u bejn fejn kellu eventwalment jghaddi hu mit-triq. F'sitwazzjoni bhal din, il-konvenut kellu juri kawtela kbira, ghax ladarba l-konvenuta ghazlet li timxi fit-triq, meta kien hemm bankina, is-sewwieq xorta wahda jrid ikollu dik il-prudenza li jara li ma jolqotx bniedem li ghaddej fit-triq.

Illi l-entita' tal-hsara ma tikkonvincix lit-Tribunal illi s-sewwieq kien ghaddej bil-mod hafna kif qed jindika s-sewwieq u missieru l-attur Emanuel Attard. Mhuwiex normali li mera titqaccat meta wiehed semplicement jolqotha b'velocita' baxxa hafna, kif qed jissuggerixxi li kien ghaddej is-sewwieq Clifton Attard. Lit-Tribunal jirrizultalu ghalhekk illi s-sewwieq ma kienx ghaddej bil-velocita' baxxa li qed jippretendi li kien ghaddej biha. Filwaqt li l-parti l-kbira tat-tort huwa tal-konvenuta li qabdet u qasmet habta w sabta, is-sewwieq ghandu wkoll igorr parti mit-tort ghall-fatt illi ma jirrizulax li kien ghaddej bi speed baxx; dan apparti li dak li qalu x-xiehda okulari huwa konfliggenti u ma jikkonvincix lit-Tribunal li l-velocita' kienet dik indikata mis-sewwieq. It-Tribunal sejjer ghalhekk japporzona tliet kwarti (3/4) tal-htija lill-konvenuta u kwart (1/4) lis-sewwieq tal-vettura in kwestjoni. Illi jigi ghalhekk illi t-tliet kwarti tal-hsarat pagabbli mill-konvenuta hija ta' elf u wiehed u erbghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,041.33), li flimkien ma' hamsin Euro (€50) *excess*, jammontaw ghal elf u wiehed u disghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,091.33).

Illi d-danni reklamati gew sewwa pruvati mir-ricevuti esebiti mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' parzjalment it-talbiet tal-atturi, jordna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf u wiehed u

disghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€1,091.33), bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuta u kwart (1/4) mill-atturi.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur